MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 2232/2004

**Guza Bezzina**

**vs**

**David Vella**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Novembru, 2004 fejn Intqal:**
**Illi l-attrici kienet silfet xi flus lill-konvenut u baqa' l-bilanc ta' elf u hames mitt lira Maltija (Lm1500.00).**
**Illi l-konvenut minkejja li kien interpellat diversi drabi sabiex ihallas il-bilanc baqa' inadempjenti.**
**Ghaldaqstant l-attrici qieghda titlob li t-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas il-bilanc ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1500.00) bl-imghax u bl-ispejjez u l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra n-nota prezentata mill-konvenut fit-12 ta' Jannar, 2005, li biha ammetta t-talba attrici.**

Ghaldaqstant fuq ammissjoni, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' elf u hames mitt lira Maltija (Lm1500.00) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-29 ta' Novembru, 2004 u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------